Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,614, 27 ta' April, 2021

Taqsima B

A.L. 196 tal-2021

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA (KAP. 465)

Ordni tal-2021 li jemenda l-Ordni dwar l-Estensjoni tal-Projbizzjoni fuq l-Ivjaġġar lejn il-Pajjiżi Kollha

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2021 li jemenda l-Ordni dwar l-Estensjoni tal-Projbizzjoni fuq l-Ivjaġġar lejn il-Pajjiżi Kollha u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar l-Estensjoni tal-Projbizzjoni fuq l-Ivjaġġar lejn il-Pajjiżi Kollha, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". L.S. 465. 26.

Jemenda l-artikolu 2 tal-ordni prinċipali.

2. It-tieni proviso tal-artikolu 2 tal-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (xx) tiegħu, il-kliem "l-Iżvezja." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Iżvezja;"; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (xx) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(yy) ir-Renju Unit:".